MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 803/2008

**Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Edukazzjoni,
Kultura, Zghazagh u Sport**

**vs**

**Leanne Bugeja u b'degriet datat 9 ta' Mejju 2013 it-Tribunal innomina lil Dr. Martin Fenech sabiex jirrapresenta lill-konvenuta assenti.**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ l-Attur noe qed jitlob rimbors ta' elf, tlett mija u disa' Ewro erbgha u tlettin centezmi (€1,309.34c) rapprezentatni stipendju li l-Intimata rceviet bejn Settembru 1999 sa ma rrizenjat f'Ottubru 2000 u dana fir-rigward ta' kors fl-istitut ghall-Istudji Turistici liema talba qed issir skond kondizzjonijiet tal-kors li kienet issegwi l-Intimata u li hi accettat.

**Ra** li l-attur noe gie awtorizzat li n-notifika tal-Intimata jaghmilha permezz ta' affissjonijiet skond il-ligi u pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern (*a fol* 48/49).

**Ra** li l-attur noe talab il-hatra ta' kuraturi billi kien mgharraf li l-Intimata kienet ilha snin nieqsa minn Malta u ma jafx fejn tirrisjedi.

**Ra** li b'degriet tas-7 ta' Mejju 2013 Dr. Martin Fenech gie nominat bhala kuratur deputat biex jirraprezenta lill-assenti Leanne Bugeja u dan gie notifikat fit-18 ta' Novembru 2013. Hu ressaq RISPOSTA li fiha qal li ma kienx edott bil-fatti u rriserva li jipprezenta RISPOSTA ulterjuri.

II PROVI

1. Daniel Bugeja xehed fl-udjenza tal-4 ta' Gunju 2014 u qal li fil-perjodu rilevanti hu kien inkarigat mill-*accounts* fl-ITS. Dwar Leanne Bugeja esebixxa d-Dokumenti DB-DB4 in sostenn tat-talba. Meta l-Intimata kienet irrizenjat kienu talbuha l-flus rapprezentanti stipendju li kienet irceviet meta kienet fil-kors.

2. L-Intimata kienet accetta li tirrifondi l-ammont b'rata ta' €50.00 fix-xahar – ara Dok DB. Dan ma sehhx.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-termini tal-hlas tal-istipendju juru li dawn huma marbuta mal-fatt li l-kors jinbeda u jitkompla u fin-nuqqas ikun hemm rifuzjoni ta' dak li jkun ircieva l-istudent. Jirrizulta li Leanne Bugeja kisret dan il-ftehim u fil-fatt hemm l-ammissjoni taghha fir-rigward kif jirrizulta mad-Dokument DB esebit minn Daniel Bugeja fl-udjenza tal-4 ta' Gunju 2014 meta xehed.

2. Din hi prova sufficjenti in sostenn tal-pretenzjoni attrici.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL jiddeciedi billi jilqa t-TALBA attrici u (1) jikkundanna lill-Intimata Leanne Bugeja biex thallas lill-attur fil-kwalita' ndikata il-*quantum* mitlub ta' elf, tlett mija u disa' Ewro erbgha u tlettin centezmi (€1,309.34c) u dana bl-imghax mil-lum sal-jum tal-pagament effettiv u (2) jikkundanna lill-istess Leanne Bugeja thallas l-ispejjes l-ohra mitluba fl-AVVIZ u thallas ukoll l-ispejjes tal-kawza.

It-TRIBUNAL jinnota li m'hemmx eccezzjonijiet x'jichad.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------